**Q O R T I C I V I L I**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 12 ta' Dicembru .2018**

Rikors Nru. 103/08/RGM
Kawza fil-lista: 4

**A C**

**Vs**

**B C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat pprezentat mill-attrici fis-17 ta’ Marzu 2008 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti :-

1. *Illi l-kontendenti izzewgu 28 ta’ Ottubru 1990 fil-Parocca Santa Lucija u dan kif jirrizulta mill-anness certifkat taz-zwieg immarkat Dok A;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldet il-minuri D ta’ hmistax-il sena u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat Dok B;*

3. *Illi l-intimat irrendu ruhu hati u fil-konfront ta’ martu r-rikorrenti ta’ adulterju, eccessi, mohqrija, theddid, ingurji gravi u sevizzi b’rizultat li l-hajja matrimonjali ta’ bejniethom m’ghadhiex aktar possibli tant illi z-zwieg tkisser irremidjabbilment;*

4. *Illi inoltre l-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti hija impossibli minhabba inkompatibilita` ta’ karattru;*

5. *Illi r-rikorrenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi ghal separazzjoni personali skont digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti datat 12 ta’ Marzu 2008 fl-atti tal-ittra numru 988/07, hawn anness u mmarkat Dok C*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni necessarji u opportuna ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

1) *Tiddikjara u tippronunzja is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet premessi unikament imputabbli lill-intimat;*

2) *Tafda l-kura u kustodja tal-minuri D f'idejn ir-rikorrenti u dana fl-ahjar interess tal-minuri;*

3) *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tghix esklussivament fid-dar matrimonjali bl-isem ta' Cupid, Triq il-Koppla, Fgura flimkine ma' bintha minuri D;*

4) *Tiffissa retta alimentarja pagabbli bhala manteniment mill-intimat lir-rikorrenti ghaliha u ghal minuri D, kif ukoll timponi l-modalitajiet tal-hlas tal-istess retta inkluz li l-manteniment jizdied perjodikament sabiex jaghmel tajjeb ghall-effetti tal-gholi tal-hajja;*

5) *Tikkomina kontra l-istess intimat il-provvedimenti tal-Artikolu 48 u l-Artikolu 51 sa 61 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

6) *Prevja li tiddikjara illi d-dar matrimonjali hija propjeta` parafernali tar-rikorrenti, tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, b'dana illi jigu applikati s-sanzjonijiet imsemmija fil-hames talba, occorendo bin-nomina ta' periti nominandi;*

7) *Tikkundanna lil intimat jirrestitwixxi lill-attrici l-propjeta` kollha taghha parafernali inkluz id-dar matrimonjali jew il-valur taghha.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri inkorsi quddiem il-Qorti Civili [Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja] kontra l-intimat minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut prezentata fil-21 t'April 2008 li taqra kif gej:

1. *Illi fir-rigward tal-ewwel talba tar-rikorrenti, l-eccipjent ma jopponix illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi C, dana pero ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-istess rikorrenti li rrendiet ruhha*

*hatja fil-konfront tal-esponent ta' adulterju, sevizzi, eccessi, mohqrija, theddid u ingurji gravi, u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment;*

2. *Illi fir-rigward tat-tieni talba rikorrenti dwar l-affidament tal-kura u l-kustodja tal-wild minuri, l-esponent ma jaqbilx li jkun fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja taghha tigi fdata lir-rikorrenti esklussivament, izda l-kura u kustodja ghandha tkun wahda kongunta b'access ghaz-zewg partijiet ghal binthom.*

3. *Illi dwar it-tielet talba rikorrenti, l-esponent jopponi ghal din it-talba peress illi anke jekk jigi ppruvat illi l-fond matrimonjali hu parafernali tal-attrici, l-esponent m'ghamel xejn illi jista' jwassal biex hu jitlef il-jedd ta' abitazzjoni li ghandu f'dan il-fond.*

4. *Illi dwar ir-raba' talba riferibbilment ghall-manteniment tar-rikorrenti, din ghandha tigi rigettata peress li r-rikorrenti ddekadiet minn tali dritt; dwar manteniment ghall-wild minuri l-esponent jaqbel illi huwa ghandu jikkontribwixxi ghall-manteniment taghha skont il-mezzi tieghu u l-bzonnijiet tal-istess minuri, kif effettivament jaghmel.*

5. *Illi fir-rigward tal-hames talba rikorrenti, ma tezisti l-ebda raguni ghala s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta citati mir-rikorrenti ghandhom jigu applikati in toto jew in parte kontra l-esponent, liema sanzjonijiet pero kif kontemplati f'dawn l-artikoli ghandhom jigu applikati fil-konfront tar-rikorrenti.*

6. *Illi dwar is-sitt talba rikorrenti, trid tressaq prova illi l-fond matrimonjali hu propjeta` parafernali tal-attrici. L-eccipjent jaqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tigi dikjarata xjolta u li din tigi likwidata u diviza bejn bejn il-kontendenti.*

7. *Illi dwar is-sebgha talba, l-eccipjent m'ghandu l-ebda beni dotali jew parafernali tar-rikorrenti fil-pussess tieghu, u hi r-rikorrenti li trid tirrestitwixxi l-beni u krediti parafernali tal-eccipjent lill-istess eccipjent, jew valur rispettiv taghhom fi flus.*

*Illi l-ispejjez tal-kawza odjerna ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti esklussivament.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-Kontro-talba tal-konvenut prezentata kontestwalment mar-risposta ġuramentata li taqra kif gej:

1. *Illi l-esponent qieghed jipprevalixxi ruhu mill-istanza attrici u qed jippromwovi din it-talba rikonvenzjonali tieghu sabiex jikkawtela l-interessi tieghu u dawk ta' bintu minuri.*

2. *Illi l-kontendenti izzewwgu fit-28 ta' Ottubru 1990 u minn dan iz-zwieg kellhom tifla li jisimha D, li ghadha minorenni.*

3. *Illi l-attrici rikonvenuta rrendiet hatja fil-konfront tal-esponent ta' adulterju, sevizzi, eccessi, mohqrija, theddid u ingurji gravi, u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment*

4. *Illi ghalhekk kellha ssir din it-talba rikonvenzjonali.*

*Tghid ghalhekk ir-rikorrenti rikonvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi C ghar-ragunijiet fuq premessi imputabbli lir-rikorrenti rikonvenuta.*

2. *Tafda lill-kontendenti bil-kura u kustodja konguntiva ta' binthom minuri D b'dawk il-modalitajiet ta' access tal-kontendenti ghall-minuri li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa.*

3. *Tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenuta sabiex thallas ghal bintha minuri dik ir-retta alimentari dovuta skont il-ligi.*

4. *Tapplika in toto jew in parte kontra r-rikorrenti rikonvenuta l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 54 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

5. *Tidikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet, u billi wkoll tigi stabbilita` data li minnha r-rikorrenti rikonvenuta titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-esponent, u danakollu okkorendo bl-opera ta' perit nominand, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lir-rikorrenti rikonvenuta fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att.*

6. *Tillikwida l-krediti kollha dovuti mill-komunjoni tal-akkwisti u mir-rikorrenti rikonvenuta a favur l-esponent, u tordna lir-rikorrenti rikonvenuta thallas a favur l-esponent dawn il-krediti hekk likwidati.*

7. *Tordna lir-rikorrenti rikonvenuta tirrestitwixxi lill-esponent il-beni u krediti parafernali tieghu, jew il-valur rispettiv taghhom fi flus.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti rikonvenuta li qieghda tigi ingunta ghas-subizzjoni.*

Rat ir-riposta ġuramentata tal-attrici ghall-kontro-talba hawn fuq indikata, prezentata fit-2 ta' Mejju 2008 li taqra kif gej:

1. *Illi l-esponenti taqbel illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda dan ghal ragunijiet solament imputabbli lill-intimat rikonvenzjonanti stante illi huwa hati ta' mohqrija, swat, theddid u sevizzi ai termini tal-artikolu 38 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ta' abbandun, eccessi, jew offizi gravi kontra taghha bil-konsegwenza illi l-hajja flimkien ma ghandhiex aktar possibbli ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;*

2. *Illi ghalhekk l-ewwel talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu imputabbli lill-intimat rikonvenzjonanti;*

3. *Illi t-tieni talba dwar il-kura u kustodja tal-minuri D C ghandha tigi michuda in kwantu mhuwiex fl-interess ahhari tal-istess minuri illi l-kura u l-kustodja taghha tigi fdata konguntivament bejn il-kontendenti u dan minhabba l-agir vjolenti tieghu u in oltre l-intimat qata kull kuntatt minn ma' bintu;*

4. *Illi t-tielet talba tal-intimata rikonvenzjonanti ghandha tigi michuda bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.*

5. *Illi r-raba' talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa l-intimat rikonvenzjonanti illi huwa hati ta' adulterju ai termini tal-artikolu 38 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll hati ta' abbtandun, eccessi, mohqrija theddid jew offizi kontra l-esponenti;*

6. *Illi l-hames talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti mhijiex opposta b'dana illi jigu applikati s-sanzjonijiet kontemplati mil-ligi kontra l-intimat rikonvenzjonanti;*

7. *Illi s-sitt talba, l-intimat rikonvenzjonanti ghandu jressaq prova tal-allegat krediti dovuti mill-komunjoni tal-akkwisti u mir-rikorrenti rikonvenuta;*

8. *Illi s-seba' talba ma hix opposta b'dana illi l-intimat rikonvenzjonanti ghandu jipprova t-titolu ghal benu allegatament propjeta` parafernali tieghu.*

*B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

Rat id-dokumenti kollha annessi ma' l-istess rikors ġuramentat;

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma' nota pprezentata fl-4 ta' Diċembru 2008;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha li ġew prodotti matul il-mori tal-kawza permezz ta' Noti prezenatati fl-atti tal-kawza jew xhieda prodotti quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji nominati mill-istess Qorti kif ukoll dokumenti prezentati minnhom jew mill-attriċi matul il-mori;

Rat id-dokumenti u rapporti kollha prezentati mill-attriċi matul il-mori ta' din il-kawza;

Rat ir-relazzjonijiet tal-Perit Tekniku B Cassar prezentati fit-12 t'Awissu 2010 u fl-20 t'Ottubru 2014 kif ukoll ir-risposti minnu prezentati in eskussjoni.

Rat id-diversi rikorsi, risposti u digrieti li ingħataw matul il-mori tal-kawza;

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2018, l-istadju tal-provi ġie dikjarat magħluq b'dan illi l-partijiet ingħataw terminu sabiex jipprezentaw in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tagħhom.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attriċi prezentata fit-8 ta' Mejju 2018 u dik tal-konvenut prezentata fl-24 ta' Mejju 2018.

Semgħat it-trattazzjoni orali li saret għall-attriċi fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2018 wara liema, il-kawza ġiet differita għas-Sentenza.

**IL-PROVI.**

Din il-kawza tikkonċerna kwistjonijiet li f'dan l-istadju, in vista tal-fatt li bint il-partijiet illum hi maġġorenni, huma primarjament iċċentrati fuq id-determinazzjoni dwar ħtija jew ħtijiet li wasslu għat-tifrik taż-żwieġ bejn il-partijiet u determinazzjoni dwar dak li qed jintalab in konnessjoni max-

xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u kumpens li jaf jitqies li hu dovut lill-konvenut għall-benefikati li saru meta ġiet sviluppat l-arja fuq liema kienet ġiet kostruwita r-residenza matrimonjali tal-partijiet wara li l-attriċi kienet irċeviet l-istess arja b'donazzjoni mingħand il-ġenituri tagħha waqt iż-żwieġ tagħha mal-konvenut.

Il-provi tal-partijiet huma fil-fatt ukoll primarjament intizi li jindirizzaw il-punti hawn fuq imsemmija.

F'dan ir-rigward, fl-affidavit tagħha u tal-qraba tal-attriċi wieħed isib illi fir-rigward tal-ħtijiet imputabbli lill-konvenut li allegatament wasslu għas-separazzjoni, l-allegazzjoni prinċipali li hemm fil-konfront ta' l-istess konvenut hi dik iċċentrata mal-argumenti, karattru nervuz u mġieba vjolenti li qed jingħad li l-konvenut kien jesebixxi primarjament fil-konfront ta' l-attriċi anki fil-presenza ta' l-istess qraba u bint il-partijiet.

L-attriċi fl-affidavit tagħha (fol.50) tallega li l-konvenut kien vjolenti saħansitra matul l-għerusija tal-partijiet u mbaghad telenka wkoll episodji oħra ta' allegata vjolenza verbali u fizika li seħħew fuq medda ta' snin waqt il-ħajja mizzewġa fejn tallega wkoll li kien jizbroffa għal kull ħaġa ta' xejn.

Tallega wkoll li l-konvenut telaq b'kollox tlitt darbiet lill-attriċi u li skond hi, l-aħħar darba li telaq kien wara li kien refa' jdejh fuqha.

Dwar il-fond matrimonjali li ġie stabbilit waqt iż-żwieġ, l-attriċi tispjega li peress li l-partijiet ma kellhomx fejn imorru joqogħdu wara li kienu ser jizzewġu, il-ġenituri tagħha offrew li jagħtu lill-attriċi l-arja ta' fuq id-dar tagħhom permezz ta' donazzjoni (Kopja ta' l-istess Kuntratt esebita fol 54. Et seq). Issostni wkoll li hija ħadet ħsieb tal-pjanta u applikazzjoni ta' zvilupp relattiva, li hu u l-konvenut għamlu zmien jgħixu għand il-ġenituri tagħha sakemm l-istess propjeta' ġiet sviluppata, u li fil-waqt li l-ispejjez għall-binja nħarġu minnha u mill-konvenut (fol.52), missierha kien jagħmel ix-xoghol ta' kostruzzjoni fil-waqt li l-ġenituri tagħha ħallsu wkoll għal diversi spejjez għall-finishes interni ta' l-istess propjeta.

L-attriċi prezentat elenku (fol.139 sa 142) ta' dak li hija sostniet li kienu kontributi li għamlet hi jew il-ġenituri tagħha bhala benefikati ghall-istess propjeta' matrimonjali in kwistjoni b'referenza ghal dak li kien ġie stmat mill-Perit Tekniku B Cassar li tqabbad biex jivvaluta l-valur rispettiv tal-benefikati u strutturi mmobbli relattivi skont kif indikat fir-rapport prezentat minnu a fol.

79 et seq tal-proċess. Aktar il quddiem specifikat ulterjorment liema xogholijiet thallsu minnha u liema thallsu mill-genituri taghha (foil 169 u 170 tal-process) Prezentat ukoll kopji ta' rcevuti ta' hlasijiet li hija ssostni li kienu saru minn ommha ghall-istess post (fol.160 sa 166).

Mizjud ma' l-affidavit ta' l-attriċi ġew prezentati wkoll affidavits ta'oħtha (fol.42), tal-ġenituri tagħha (fol. 45 u fol.63 rispettivament, kif ukoll affidavit qasir ta' ħuwha (fol.65) u eventwalment ta' bint il-partijiet (fol.131) li taw sostenn għal dak allegat mill-attriċi dwar il-karattru allegatmament zorr u vjolenti tal-konvenut u dwar uhud mill-episodji msemmija minnha.

Omm l-attrici taghmel ukoll referenza ghall-kontributi li allegatament saru minnha u minn missier l-attrici, biex jghinu lill-partijiet – kif ser jigi elenkat aktar 'il quddiem.

Daparti tieghu il-konvenut fl-affidavit tieghu (fol 187 et seq) tal-process, jipprovdi verzjoni differenti in konnessjoni ma' dak li gie allegat fil-konfront tieghu u dwar ir-ragunijiet li wasslu ghat-tifrik taz-zwieg fejn jalludi ghal dak li skont hu kien il-karattru provokattiv tal-attrici, kif ukoll li din kienet baqghat iggib ruhha fiz-zwieg daqs li kieku kienet ghadha xebba, tohrog u tixrob ma' sehbitha, li meta johorgu kienet 'tikkummiedja' u cioe' titkessah ma' rgiel ohra kif ukoll li kienet hi li taggredieh. Isostni wkoll li ghalkemm kienu jargumentaw kwazi ta' kuljum, huwa qatt ma refa' idejh fuqha. Isostni wkoll li matul iz-zwieg, l-attrici kienet tiffrekwenta rgiel ohra, u b'mod partikolari jaghmel referenza ghal zewg irgiel li skont hu, l-attrici kellha xi forma ta' relazzjoni maghhom, b'wahda minn dawn ir-relazzjonijiet tkun dik li wasslet sabiex huwa jitlaq eventwalment mill-fond matrimonjali wara li skont hu, din il-persuna kienet sahansitra pruvat tidhol id-dar taghhom bil-lejl (fol.191). Isostni wkoll li r-ritratti esebiti mill-attrici dwar allegat swat, kienu rizultat ta' swat li l-attrici kienet qalghat minghand dan l-istess ragel.

Jichad ukoll li ma' bintu kellu relazzjoni hazina u li kien biss darba li huwa kien qabadha minn idejha biex jikkoregiha wara li hija kienet offendiet lill-attrici, izda li fil-bqija kellu relazzjonini tajba ma' bintu tant li kienu kwazi ta' kuljum jilaghbu playstation jew komputer flimkien. Isostni li skont hu, kienet l-attrici li ghawwiet lill-bintu kontrieh.

Dwar il-kwistjoni ta' kif jew min hallas ghall-bini u benefikati tal-fond matrimonjali, il-konvenut isostni li l-ftehim li kellu ma' l-attrici kien li bhala struttura u oggetti ta' go fiha, jaghmluhom huma t-tnejn flimkien. Isostni wkoll li l-gebel u materjal kollu kien inxtara minn flusu. Isostni wkoll li fil-waqt li missier l-attrici kien ghen fil-bini billi kien hu li kien iqieghed il-gebel, huwa kien pero' jaghti s-sehem tieghu billi jongor, jobrox u jaqta' l-gebel u jaghmel

it-tajn. Isostni wkoll li l-propjeta' giet arredata kollha mill-paga tieghu hlief ghal xi affarijiet fosthom il-madum li kienu nxtraw minn flus l-attrici. Jikkoncedi li kien hemm kamra tal-banju li hallsuha l-genituri ta' l-attrici pero' plumbing kien ha hsiebu hu u kien hallas ukoll lin-nies biex iwahhlu toilet, sink u banju.

Isostni wkoll li skont hu, l-attrici uzat tattika li meta kienet tmur ma' ommha tixtri xi affarijiet ghad-dar, bi flusu, l-ircevuti kienu jintalbu li jinhargu fuq ommha minkejja li l-hlas ikun sar mill-paga tieghu.

In sostenn ta' dak li l-konvenut sostna dwar ir-relazzjoni li l-attrici seta' kellha ma' wiehed mill-irgiel li huwa semma, l-istess konvenut ipproduca bhala xhud lill-ex mara ta' dan l-individwu peress li dan kien spicca nqatel matul il-mori tal-kawza. Din il-persuna fil-fatt tikkonferma li z-zwieg bejnha u bejn zewgha kien spicca minhabba din l-allegata relazzjoni li kellu ma' l-attrici (fol.293/294 in ezami u fol. 321 in kontro-ezami).

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

1. **Tort għat-Tkissir ta' Żwieġ;**

Minn dak li rrizulta matul il-mori ta' din il-kawza permezz tax-xhieda taghha u ta' qraba taghha, kif ukoll minn dak indikat fis-sottomissjonijiet finali taghha, l-attrici tibbaza t-talbiet taghha ghall-pronunzjament tas-separazzjoni primarjament fuq vjolenza domestika li hija ssostni li sofriet, waqt iz-zwieg li fil-premessi li tressqu minnha fir-rikors promotur ta' dawn il-proceduri tirreferi ghalihom fil-kuntest ta' eccessi, mohqrija, theddid, ingurji gravi u sevizzi.

F'dan ir-rigward issir referenza għall-kawza fl-ismijiet ***Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi*** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 t'Ottubru 2003 (Cit. Number 1677/1995 gie konsidrat illi:

*Il-mohqrija tinkludi dawk l-atti ta' maltrattament, li minkejja li ma jipperikolawx il-hajja jew is-sahha ta' dak li jkun trendi l-hajja konjugali mpossibbli.*

*Il-ligi taht l-artikolu 40 tal-Kodici Civili, taghmel riferenza ghall-mohqrija*

*izda mhux ghall-sevizzi, izda mill-gurisprudenza jidher illi l-kelma mohqrija u sevizzi jfissru l-istess haga.* (pg. 16 of the judgment)

B'referenza ghal sentenzi ohra gie ndikat is-segwenti::

*Illi fil-kawza "**Camilleri utrinque**" deciza fis-16 ta' Marzu 1898, il-Qorti Civili kienet qalet :*

*"Per sevizie nei senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l-animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un avversione verso chi commette tali atti".*

*Illi fil-kawza "**Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud"** deciza fit-30 ta' Gunju 1961, il-Qorti qalet:-*

*"Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti li jistghu jrendu l-hajja komuni nsopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi"*

Illi fil-qasir dak sostnut mill-attrici u mix-xhieda l-ohra prodotti minnha, l-agir aggressiv tal-konvenut gie ndikat bhala wiehed li kien jisbroffa malajr, jerfa' jdejh fuqha. L-attrici ssemmi numru ta' episodji fil-waqt li tippreciza illi:

*Dawn li irrakuntajt huma biss ftit mill-hafna argument u glied li dejjem kienu jispiccaw fi swat u theddid tant li dejjem kien jghidli li meta nitilghu fid-dar taghna "iqieghni".*

L-attrici ssemmi wkoll zewg incidenti partikolari fejn darba minnhom waqt argument meta hi kienet qed titma' lil bintha, inqala argument, refa' idejh fuqha, irreagixxiet u spicca jdawwar idejh ma' ghonqa u prova jifgaha sakemm ferrqahom missierha ghollha u remiha fuq it-tustiera tas-sodda li spiccat inqasmet bid-daqqa u li konsegwenza ta' dan l-incident kienet wegghat darha u damet xahar biex tigi f'sikkitha.

Oht l-attrici ssemmi incident (fol.43) meta kienet cemplitliha bint il-partijiet biex tmur ghandhom meta din kellha xi hames snin fejn kienet sabet lill-attrici mitlufa minn sensiha fil-kamra tas-sodda u kellha d-demm hiereg min-naha ta' wara ta' rasha.

Il-genituri ta' l-attrici, b'mod partikolari ommha, isemmu wkoll dak li huma kienu jisimaw fuq rashom peress li l-partijiet kienu spiccaw jghixu proprju fuqhom u ssemmi li 'kont nisma l-ghajjat u it-theddid ta' tkissir ta; siggijiet,

telefons jinstabtu u anki hgieg jinkiser. Omm l-attrici tikkonferma li l-partijiet kienu jiggieldu anki meta kienu jghixu maghhom.

Il-genituri tal-attrici t-tnejn li huma jaccennaw ghall-fatt li huma dejjem kienu jkunu nkwetati kull meta johorgu li jigri xi haga bejn binthom u l-konvenut u jsostni li:

*...kienu jigu lura bi glied, nisimghu tghajjir tkissir u hsejjes ta' tifrik ta' oggetti bhal telefon u affarijiet ohra ibsin.*

Il-konvenut mill-banda l-ohra jsostni li l-attrici kienet tipprovokah.

F'dan ir-rigward isir referenza ghal dak li oht l-attrici tirrimarka (fol.42) illi l-akbar argumenti li kien ikollhom kien ghax l-attrici dejjem tidhaq u din kienet xi haga li lill-konvenut kienet tirritah. Missier l-attrici xhed illi darba minnhom il-konvenut kien spicca wkoll ikollu xi jghid mal-attrici meta din biex ticcajtah mieghu kienet qaltlu li kienet cemplet habiba taghha u kienet sejra tkellimha waqt li hu kien qed ibajjad. (fol.64). Bint il-partijiet xhedet (fol. 131) li missierha kien jerfa' jdejh kemm fuq ommha kif ukoll fuqha. Taccenna wkoll li l-atteggjament ta' missierha kien dam ghal snin shah u li kien ibghati minn burdata hazina fejn kien ikun hemm granet li jkun aghar mis-soltu u tghid li:

*Jekk kien ikollu burdata hazina kien jara kif se jaqbad ma' dak li jkun u jekk jidhirlu li dak li sema' ma kienx dak li jrid jisma', kien isir aggressiv.*

Tikkonkludi l-affidavit tagħha billi ssostni li:

*Ir-rutina ta' ħajti kienet din – hajja ta' swat u abbandun da parti ta' missieri. Jien ghadni affetwata mis-swat li missieri kien isawwat lill-ommi u lili ....*

Daparti tieghu l-attur fl-affidavit tieghu jiċħad li hu kien jerfa' jdejh fuq l-attriċi ħlief li biex jiddefendi ruħu pero' meta wieħed jara dak li xehdet mhux biss l-attriċi u bintha izda wkoll qraba oħra ta' l-attriċi, l-indikazzjonijiet jirrizultaw li huma li effettivament, meta l-konvenut kien jispiċċa jirrabja u jitlef il-paċenzja, possibilment għaliex kien jiġi provokat jew għax kien jiġi jħossu pprovokat, huwa kien jeċċedi l-limiti.

Daparti tagħha l-attriċi tallega li l-konvenut kien vjolenti jew aggressiv anki meta kienu għarajjes u ssemmi inċident meta huwa kien kisser il-windscreen tal-karozza tiegħu stess waqt argument li kellhom. Daparti tiegħu il-konvenut fl-affidavit tiegħu jiċħad dan l-incident (fo.188) b'dan pero' li effettivament in kontro-ezami fol.261 eventwalment kien ammetta li kien ta daqqa ta' ponn fuq il-windscreen tant li kien spicca għamel il-punti f'idejh.

Dan jagħti x'jifhem li l-konvenut kien tassew jeċċedi l-limiti meta kien jispiċċa jitnervez. Għalkemm l-attrici daparti taghha kienet f'certu okkazjonijiet tipprovoka r-reazzjonijiet tieghu, jigi pero' enfasizzat li irrispettivament minn dak li l-konvenut seta' jinterpreta bhala provokazzjonijiet, l-aggressivita' li kien juri **ma tista' qatt titqies ġustifikata**[1] aktar u aktar meta l-indikazzjonijiet huma li l-aġir vjolenti tiegħu kien wieħed li dam għaddej zmien twil u ta' dan għaldaqstant huwa ghandu jitqies li hu hati ghalieh u b'hekk responsabbli għall-maġġoranza tal-parti mit-tort li wassal ghat-tifrik taż-żwieġ.[2]

Qed jingħad pero' wkoll li parti mit-tort għat-tifrik taż-żwieġ għandu jkun ukoll attribwibbli lill-konvenuta kemm għaliex hu evidenti li l-argumenti li kien ikollhom il-partijiet kwazi ta' kulljum kienu argumenti li kienu jinqalaw miz-zewg nahat għaliex l-attriċi kellha n-nuqqasijiet tagħha mhux biss minhabba l-atteggjamenti taghha inkluz certu atteggjamenti li kienet skont il-konvenut tesebixxi meta tohrog ma seħbitha wara li kienu żżewġu, (fejn tabilħaqq hija ammettiet ukoll li kienet izzewġet għax kienet inġarret mill-kurrent (fol.50) u anki mieghu izda wkoll b'mod partikolari ghall-imgieba taghha lejn l-ahhar ta' l-istess zwieg fejn jirrizulta il hemm numru ta' indizzji li jaghtu tassew x'jifhem li din seta' kellha relazzjoni jew kunfidenzi zejda mat-terza persuna ndikat mill-konvenut u li dwaru xehdet l-ex mara ta' l-istess terza persuna f'dawn il-proceduri li kkonfermat il-frekwentazzjoni li kien hemm bejn l-ex raġel tagħha u l-attriċi. Jidher ukoll li l-verzjoni li jagħti l-konvenut li ġlieda minnhom kienet fil-fatt seħħet wara li kien inqala' argument propju meta l-konvenut u l-attriċi kienu ħarġu flimkien ġewwa bar u nnota lil dan l-istess raġel jagħmel certu mossi u jmiss lill-attriċi u li dan kien spicca jwassal lill-attrici vicin tar-residenza tal-partijiet fejn reġa' mbad kien hemm konfrontazzjoni ulterjuri bejn il-partijiet. Anki jekk l-attrici ma kinitx twasslet minn din it-terza persuna, l-indikazzjoni hi li l-argument li kellhom il-partijiet kien inqala' minħabba din l-istess persuna jew minħabba l-mod kif kienet ġabet

[1] Kif anki mtenni fost l-oħrajn fil-kawza deċiza mill-Qorti ta' l-Appell Appell Civili Numru. 8/2006/1 Margaret Azzopardi v. Peter Paul Azzopardi fis-sentenza tat-30 ta' Lulju, 2010 b'referenza għal dak li kien tqies mill-Ewwel Qorti pg 8 ta' l-istess Sentenza li minnha tigi kkwotata s-segwenti:
*.... "Kien jghid illi kien ikun hemm provokazzjoni, ovvja hux. Kien jghid illi hu jsir aggressiv, ghax kien ikun hemm il-provokazzjoni. Ma jsirx aggressiv ghal xejn b'xejn." (fol. 338). Ikun x'ikun l-atteggjament tas-sieħeb jew sieħba fiz-zwieg, il-vjolenza ma tista' qatt tkun gustifikata.*

[2] Issir referenza għal parti oħra mill-proċeduri hawn fuq ikkwotati fejn pg 11 ta' l-istess sentenza kien ġie kkonsidrat dwar punt simili dwar l-imġieba tal-mara illi: *Certament li l-atteggjament tal-attrici ma ghenx, ghalkemm il-Qorti tibqa' moralment konvinta li l-atteggjament tal-konvenut fid-dar kien ir-raguni principali li wasslet ghall-firda.*

ruħha l-attriċi dakinhar – dejjem mingħajr pero’ ma jiġi ġustifikat il-mod aggressiv kif il-konvenut ġab ruħu lejn l-attriċi.

L-attriċi daparti tagħha tinnega din il-konoxxenza izda l-Qorti qed tikkonsidra li l-konvenut ipprova sodisfacentement li l-agir tal-attrici f'dan ir-rigward jammonta ghal ingurja gravi.

Fir-rigward tar-responsabbilta' ghat-tkissir taz-zwieg il-Qorti qed tiddeciedi ż-żewġ partijiet jaħtu għat-tkissir taż-żwieġ f'sehem indaqs.

Tenut kont ta’ dawn iċ-ċirkostanzi, għandu jitqies ukoll li t-talbiet rispettivi li ressqu l-partijiet kontra xulxin assoċjati ma’ dekadenza kif konnessi mat-talbiet sabiex jiġu applikati l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 54 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta għandhom jitqiesu li ġew newtralizzati kontra xulxin fis-sens li effettivament, iż-żewġ partijiet kienu ħatja ta’ imġieba li tista’ twassal għall-applikazzjoni ta’ dawn id-disposizzjonijiet tenut kont li l-attriċi tista’ titqies li rrendiet ruħha ħatja ta’ mġieba adultera kontemplata fl-artikolu 38 fil-waqt li l-konvenut kien ħati ta’ mġieba kontemplata fl-artikolu 40 tal-Kodiċi Civili minħabba eċċessi, moħqrija u offiżi gravi il-Qorti qed tiddeċiedi illi tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet is-sanzjonijiet u l-penalitajiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap. 16. b'applikazzjoni tal-artikolu 51.

## 2. Kura u Kustodja ta’ bint il-partijiet, manteniment għaliha u manteniment mitlub mill-attriċi.

Illi kif aċċennat aktar kmieni, tenut kont li bint il-partijiet illum għandha sitta u għoxrin sena, kwalsiasi kwistjoni dwar kura u kustodja, aċċess jew manteniment referibbli għaliha llum tinsab sorpassata u b’hekk l-ebda deċizjoni f’dan ir-rigward ma hi aktar neċessarja.

## 3. Komunjoni ta’ l-akkwisti u krediti mitluba.

Illi kif indikat aktar kmieni, din il-kwistjoni dwar ix-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti hi primarjament intiza sabiex tindirizza l-posizzjonijiet rispettivi li qed jiehdu l-partijiet in konnessjoni ma’ l-isvilupp li sar ta’ l-arja li tinsab fuq il-propjeta’ tal-genituri l-attrici ‘Carle’ fi Triq il-Koppla, Fgura, liema arja flimkien ma’ tromba tat-tarag kontigwa, kienet inghatat b’donazzjoni lill-attrici, wara li din kienet diga’ zzewget lill-konvenut, permezz ta’ kuntratt ta’

donazzjoni pubblikat minn Nutar George Cassar datat 20 ta' Lulju 1992 (fol. 54 tal-process) wara li l-partijiet kienu zzewgu fit-28 t'Ottubru 1990.

Illi dwar l-arja nnifisha, l-konvenut fis-sottomissjonijiet tieghu jaqbel li din ghandha titqies li hi unikament ta' l-attrici (pg 10, fol 355 tas-sottomissjonijiet tieghu) anki jekk dan jaghti x'jifhem li din giet donata waqt l-gherusija mentri effettivament giet donata lill-attrici waqt iz-zwieg.

Fi kwalunkwe kaz, il-ligi u anki l-gurisprudenza jipprovdu li minkejja li d-donazzjoni favur l-attrici saret waqt iz-zwieg, din xorta wahda twassal sabiex il-propjeta' titqies li hi parafernali ta' l-attrici.

**L-artikolu 1320 (b) tal-Kodici Civli** jipprovdi illi huma biss il-frottijiet tal-beni li jghaddu fuq parti jew ohra fiz-zwieg anki b'donazzjoni, li jigu jiffurmaw parti .mill-komunjoni ta' l-akkwisti bil-konsegwenza li l-propjeta' innifisha tibqa' ghaldaqstant titqies parafernali tant li:

*Fil-komunjoni tal-akkwisti jidħlu –*

*(b) il-frottijiet tal-beni tal-partijiet miżżewġa, magħduda l-frottijiet tal-beni tad-dota jew suġġetti għal fedekommess, sew jekk il-beni kienu għand kwalunkwe wieħed mill-konjuġi minn qabel iż-żwieġ, sew jekk ikunu missew lil parti minnhom wara b'wirt, b'donazzjoni, jew b'titolu ieħor, basta ma jkunux ingħataw jew tħallew bil-kondizzjoni li l-frottijiet tagħhom m'għandhomx jidħlu fl-akkwisti;*

Illi dak li ma jaqblux dwaru l-partijiet hu dwar x'ghandu jitqies li hu l-kreditu jew kumpens li ghandu jinghata lill-konvenut bhala sehmu ghax-xogholijiet kollha li saru sabiex tinbena r-residenza matrimonjali taghhom fuq l-istess arja hawn fuq indikata u x'sehem jaf ikun spettanti lilu mill-valur mizjud li din il-propjeta' mibnija kellha matul is-snin inkluz matul il-mori ta' din il-kawza.

Fis-sottomissjoniijiet taghha l-attrici ssostni li l-genituri taghha ikkontribwew kemm fix-xiri ta' affarijiet ghad-dar kif ukoll ghax-xogholijiet imwettqa minn missierha ta' gebel, injam u madum. Prezentat ukoll lista ta' l-affarijiet li hi tinsisti li kienet hallset hi jew ommha b'ircevuti relattivi.

.

Tinsisti wkoll li l-apprezzament tal-beni parafernali taghha, cioe' ta' l-arja in kwistjoni, kien frott tal-kontribut taghha u tal-genituri taghha u li l-konvenut

ghandu jiehu sehmu mill-komunjoni ta l-akkwisti minghajr ma jittiehed kont ta' l-apprezzament li sar mill-arja donata lilha mill-genituri taghha skont il-lista esebita minnha a fol.199 u 120 tal-process.

Illi l-konvenut min-naha l-ohra, u kif indikat aktar kmieni, jsostni li l-ftehim bejnu u l-attrici kien li fir-rigward ta' l-istess propjeta, bhala struttura u oggetti ta' go fiha, jaghmluhom huma t-tnejn flimkien. Isostni wkoll li l-gebel u materjal kollu kien inxtara minn flusu. Isostni wkoll li fil-waqt li missier l-attrici kien ghen fil-bini billi kien hu li kien iqieghed il-gebel, huwa kien pero' jaghti s-sehem tieghu billi jongor, jobrox u jaqta' l-gebel u jaghmel it-tajn. Isostni wkoll li l-propjeta' giet arredata kollha mill-paga tieghu hlief ghal xi affarijiet fosthom il-madum li kienu nxtraw minn flus l-attrici. Jikkoncedi li kien hemm kamra tal-banju li hallsuha l-genituri ta' l-attrici pero' plumbing kien ha hsiebu hu u kien hallas ukoll lin-nies biex iwahhlu toilet, sink u banju.

Fis-sottomissjonijiet tieghu jinsisti li huwa ghandu:

- jithallas nofs is-somma ta' €56,097.44 (rapprezentanti s-somma ta' €57,659.62 kwantifikata mill-Perit B Cassar in adempiment ta' l-ewwel ikarigu tieghu kif imnsaqqsa minhabba xi spejjez attribwiti lill-genituri ta' l-attrici) u cioe' €28,048.72 kif ukoll;

- jithallas nofs iz-zieda fil-valur tal-propjeta' li gie kwantifikat bhala nofs €37,340.38 (rapprezentanti d-differenza bejn is-somma ta' €95,000 kwantifikata mill-Perit Cassar rapprezentanti l-valur tal-imobbli u strutturi relattivi fis-sena 2014 meta kkumparat mal-valutazzjoni li kienet saret ftit ta' snin qabel ta' €57,659.62) u cioe' €18,670.19. (fol.358 tal-process).

**Ikkonsidrat:**

Illi minn harsa lejn il-provi li gew prodotti mill-partijiet waqt il-kawza u b'mod partikolari, minn harsa lejn l-istqarrijiet li ghamlu l-partijiet, ghandu jirrizulta li minkejja dak li jinghad mill-attrici fis-sottomissjoniijiet taghha, fl-affidavit taghha hija tikkoncedi li '*jien u B konna inhallsu il-gebel u l-materjal' (fol.52)* fil-waqt li tispecifika li '*il-madum u wahda mill-kmamar tal-banju kont ghamilthom jien mill-flus li kont gemmajt meta kont nahdem qabel iz-zwieg.'*

L-attrici sostniet kemm-il darba matul il-mori li matul iz-zwieg hija ma kinitx thalliet tmur ghax-xoghol mill-konvenut. Irrizulta wkoll li din kellha t-tifla sentejn fiz-zwieg. Meta mistoqsija kemm kienet gemmghat qabel ma zzewget (meta kien ghad ghandha 20 sena), hija ssostni li ma kinitx tiftakar kemm kienet gemmghat (fol.195 tal-process).

Matul il-mori ta' l-istess kawza, l-attriċi wkoll prezentat elenku (fol.139 sa 142) ta' dak li hija sostniet li kienu kontributi li għamlet hi jew il-ġenituri tagħha bhala benefikati ghall-istess propjeta' matrimonjali in kwistjoni b'referenza ghal dak li kien ġie stmat mill-Perit Tekniku B Cassar li tqabbad biex jivvaluta l-valur rispettiv tal-benefikati u strutturi mmobbli relattivi skont kif indikat fir-rapport prezentat minnu a fol. 79 et seq tal-proċess. It-total komplessiv indikat minnha li hi ssostni li kienu xogholjiet jew kontributi li saru minnha jew mill-genituri taghha gew indikati (fol.142 bhala ekwivalenti ghal €28,963.80) bhala porzjon ta' dak li kien gie kkwantifikat mill-Perit B Cassar bhala l-valur ta' €57,659.62 – biex b'hekk din tipprova taghti x'tifhem li hija jew il-genituri taghha kienu kkontribwew direttament circa n-nofs ta' dak ivvalutat mill-istess Perit, fil-waqt li nsistiet ukoll li dak li thallas ghall-binja, kien thallas minnha u mill-konvenut flimkien.

Aktar 'il quddiem specifikat ulterjorment liema xogholijiet thallsu minnha u liema thallsu mill-genituri taghha (foil 169 u 170 tal-process) Prezentat ukoll kopji ta' rcevuti ta' hlasijiet li hija ssostni li kienu saru minn ommha ghall-istess post (fol.160 sa 166).

**Ikkonsidrat;**

Illi tenut kont tal-fatt li prova cara dwar x'inhareg ezatt mill-partijiet direttament minnhom waqt iz-zwieg, x'inhareg minnhom minn flus parafernali li seta kellhom minn qabel iz-zwieg, u x'inhareg verament mill-genituri direttament minnhom u jekk dak li kien inhareg minnhom kienx intiz li jkun moghti unikament lill-attrici jew jekk kienx qed jithallas mill-genituri ta' l-attrici biex ikopru dak li seta' jkun il-kontribut taghha biex jigi kumplimentat dak li kien qed johrog il-konvenut (peress li l-attrici ma kinitx qed tahdem waqt iz-zwieg), ghandu jirrizulta li minkejja d-diversi kalkoli li ghamlet l-attrici dwar x'kienu l-oggetti kontribwiti mill-genituri taghha, minkejja l-estrapolazzjoni li din ghamlet tal-valuri li skont hi kellhom jitnaqqsu mill-istima li kien ghamel il-Perit Tekniku B Cassar fl-ewwel inkarigu tieghu u minkejja xi rcevuti jew stimi prezentati minnha, ikun esercizzju prattikament impossibbli li jigi stabbilit bi precizjoni dak li kien il-kontribut li sar direttament mill-attrici, dak li sar direttament mill-konvenut u dak li sar direttament mill-genituri ta' l-attrici u b'liema skop sar dan il-kontribut.

Illi dak pero' li din il-Qorti tista' tistrieh fuqu hu l-fatt li l-attrici stess taqbel li l-ispejjez ghall-binja kellhom jigu koperti minnha u mill-konvenut.

Irrizulta wkoll li effettivament, il-parti sostanzjali ta' din l-ispiza harigha l-konvenut ghaliex l-attrici kienet waqfet tahdem ta' ghoxrin sena, il-konvenut kien jahdem u kellu paga stabbli u li dan mhux biss ikkontribwixxa finanzjarjament izda wkoll billi midd idu wkoll ghax-xogholijiet li saru, flimkien ma' l-ghajnuna li inghatat indubbjament minn missier l-attrici wkoll.

Illi minn dak kollu li rrizulta matul il-mori, ghandu jitqies li jkun ragjonevoli li wiehed jikkonkludi li l-genituri ta' l-attrici taw is-sostenn taghhom biex anki jigi kkumpensat dak li hija ma setghatx tikkontribwixxi ghalih hi stess minhabba nuqqas ta' finanzi taghha, minhabba li kienet waqfet tahdem u minhabba li kienet harget tqila.

Illi legalment pero' jrid jigi kkonsidrat li dak li l-konvenut kien qed jaqla' waqt iz-zwieg kien jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti li kellu mal-attrici u li b'hekk dak li huwa kkontribwixxa ghalieh waqt iz-zwieg ma jistax' jitqies li hu unikament dovut lura lilu.

Bl-istess ragunament, dak li ghamlu l-genituri ta' l-attrici ma jistax jitqies li sar ghaliha biss. Kieku kien hekk, il-genituri ta' l-attrici setaw jaghmlu lilha donazzjoni ohra ta' flus mizjuda mad-donazzjoni ta' l-arja, biex ikun hemm aktar kjarezza dwar l-intenzjoni ta' dak li seta' kien jithallas minnhom. B'referenza ghal dak li kien ix-xoghol li kien jaghmel missier l-attrici, jidher li dan kien jaghmlu b'rieda tajba izda wkoll ghaliex fl-ahhar mill-ahhar, il-hsieb certament kien li jigri x'jigri l-propjeta' immobbli kienet ser tibqa' tigi kkonsidrata li hi ta' bintu ladarba nbniet fuq l-arja li kienet giet iddonata lilha.

Illi wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak kollu riferut u premess supra, qed tikkonkludi illi l-konvenut għandu dritt jithallas mingħand il-konvenuta nofs is-somma ta' €56,097.44 (rapprezentanti s-somma ta' €57,659.62 kwantifikata mill-Perit B Cassar in adempiment u cioe' €28,048.72. Din is-somma hi a saldu ta' kwalsiasi kontribut li sar minnu biex tinbena l-propjeta' matrimonjali, kwalsiasi struttura li saret u kwalsiasi pretensjoni li l-konvenut kellu ghal xi mobbli li kienu nxtraw minnu jew li thallsu minnu jew assemblati minnu waqt iz-zwieg ma' l-attrici kif ukoll wara ttiehed in konsiderazzjoni l-fatt li daparti tieghu il-konvenut ghandu wkoll izomm il-vettura Seat Cordoba li ssemmiet matul il-mori tal-kawza inkluz is-sehem li setghat titqies li kellha minnha l-attrici.

**Dwar iz-zieda li kien hemm matul is-snin tal-valur fil-propjeta'.**

Illi fir-rigward taz-zieda li kien hemm matul is-snin tal-valur fil-propjeta' kif rapprezentati mid-differenza bejn is-somma ta' €95,000 kwantifikata mill-Perit Cassar rapprezentanti l-valur tal-imobbli u strutturi relattivi fis-sena 2014 meta kkumparat mal-valutazzjoni li kienet saret ftit ta' snin qabel ta' €57,659.62 il-Qorti hi tal-fehma illi -apprezzament tal-binja matul is-snin ma jiklwafikax bhala frottijiet naxxenti minn proprjeta' parafernali fit-termini tal- artikolu 1320(b) tal-Kodici Civili.

Illi mizjud ma' din is-somma, u peress li matul il-mori tal-kawza gie ndikat mill-attrici li l-partijiet kellhom joint account mal-Bank of Valletta (fol.48) fil-waqt li fl-affdavit taghha ndikat (fol53) li kien fadal circa Hames t'elef lira Maltin li kienu ghadhom il-Bank b'dan illi matul il-kawza l-ebda provi bankarji ma tressqu, qed jigi ndikat biss li f'kaz illi jirrizulta li hemm xi kontijiet kongunti bankarji li jsejjhu lill-partijiet dawn ghandhom jinghalqu u kwalsiasi bilanc jinqasam ugwalment mill-partijiet.

**DECIDE**

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza u l-kontro talba u tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-partijiet konformement ma' dak hawn deciz, bil-mod segwenti;**

1. **Tilqa' parzjalment l-ewwel talba attriċi billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti b'dan illi dwar il-ħtija qed jiġi deċiż illi ż-żewġ partijiet jaħtu għat-tifrik taż-żwieġ f'sehem indaqs bejniethom kif fuq spjegat taħt l-intestatura "Tort għat-Tkissir ta' Żwieġ";**

**2 Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba stante li bint il-partijiet illum hi maġġorenni;**

**3.Tilqa' t-tielet talba ta' l-attriċi billi tawtorizzaha sabiex tgħix esklussivament fil-fond matrimonjali bl-isem ta' Cupid, Triq il-Koppla Fgura, flimkien ma' bintha jekk din għadha qed tgħix magħha;**

**4Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba stante li bint il-partijiet hi maġġorenni, għandha aktar minn tlieta u għoxrin sena u b'hekk l-ebda manteniment ma hu dovut lilha;**

**5Tilqa' l-ħames talba fis-sens illi tikkomina kontra l-konvenut il-provvedimenti tal-Artikoli 48 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 40 tal-Kodiċi Civili minħabba eċċessi, moħqrija u offiżi gravi b'riserva għal dak li qed jiġi deċiz fil-konfront tal-attriċi in vista tal-kontro-talba mressqa mill-konvenut;**

**6Tilqa' s-sitt u seba' talba attriċi billi tiddikjara illi l-propjeta' matrimonjali ndikata fit-tielet talba attriċi hi propjeta' parafernali ta' l-attriċi li għandha għaldaqstant tibqa' fil-pussess tagħha b'dan pero' li hija għandha tħallas lill-konvenut is-somma ta' €28,048.72. liema somma għandha titħallas lill-konvenut sa mhux aktar tard minn tlett snin millum.;**

**7.Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet b'dan illi l-attriċi in vista tas-suespost għandha żżomm il-mobbli kollha li tħallew fil-propjeta' immobbli mertu ta' dawn il-proċeduri, fil-waqt li l-konvenut għandu jzomm il-vettura Seat Cordoba ndikat waqt il-mori b'dan ukoll li jekk għad hemm xi kont/ijiet bankarji konġunti bejn il-partijiet, dawn għandhom jingħalqu u kwalsiasi bilanċ jinqasam bejniethom b'mod ugwali;**

**8Tilqa' parzjalment l-ewwel talba rikonvenzjonali tal-konvenut limitatament bil-mod kif ġiet deċiża l-ewwel talba attriċi;**

**9Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u tielet talba rikonvenzjonali għall-istess raġunijiet indikati fir-rigward tat-tieni talba attriċi;**

**10Tilqa' r-raba' talba rikonvenzjonali billi tapplika kontra l-attriċi d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malt**

**11.Tilqa' l-ħames, sitt u seba' talba rikonvenzjonali bil-mod kif deċiż is-sitt u seba' talba attriċi;**

**Bl-ispejjez jitħallsu in kwantu għal nofs mill-attriċi u nofs mill-konvenut.**

**Onor. Robert G. Mangion** **Lydia Ellul**

**Imhallef** **Deputat Registratur**